MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Mandat Numru. 849/2007/1

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 849/07 fl-ismijiet:**

**Joseph BUĦAĠIAR**

**vs**

**Manwel u Rita konjuġi VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta’ Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti żżomm lill-intimati milli jkomplu kwalsijasi żvilupp u tqattigħ tal-blat li qed isir fil-proprjeta’ bl-indirizz “Shalom”, Vjal Indipendenza, Mosta, u dan peress li minħabba l-iżvilupp li qed isir saret ħsara strutturali fil-proprjeta’ tar-rikorrenti f’170, Triq it-Torri, Mosta, aktar speċifikatament fil-*pool* li xxaqqet u li minnha qed jillikja kwantita’ kbira ta’ ilma;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Ġunju, 2007, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament u ordnat in-notifika lill-intimati b’jumejn għat-Tweġiba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-8 ta’ Ġunju, 2007, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li t-talba ma messhiex saret kontra tagħhom għaliex m’humiex is-sidien tal-post fejn qiegħed isir ix-xogħol li minnu jilminta r-rikorrent. Qalu wkoll li x-xogħlijiet ilhom lesti madwar ġimgħatejn u għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat u għalhekk lanqas ma jista’ jagħti lok għal ħsarat fil-post tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Ġunju, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-20 ta’ Ġunju, 2007;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat li, meta ssejjaħ ir-Rikors ma deher ħadd, minkejja li l-partijiet u l-avukati tagħhom issejħu bosta drabi;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Ġunju, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jilminta li, minħabba xogħlijiet li qegħdin isiru fil-proprjeta’ li tmiss mal-post tiegħu fil-Mosta, il-pixxina tiegħu qegħda titlef l-ilma għaliex ixxaqqet bit-theżhiż tat-tħammil u qtugħ tal-blat li għaddej fl-imsemmija proprjeta’. Irid li l-Qorti twaqqaf dawn ix-xogħlijiet;

Tqis li l-intimati qegħdin jgħidu li t-talba ma messhiex tressqet kontrihom, għaliex m’humiex is-sidien tal-post fejn qiegħed isir ix-xogħol. Il-Qorti ssib li eċċezzjoni bħal din mhix postha fi proċeduri għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ inibizzjoni u dan għaliex “eċċezzjonijiet” ta’ xejra proċedurali preliminari ġeneralment m’humiex ammissibbli f’din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-

Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[1]. Il-Mandati jinħarġu fuq ir-responsabbilta' ta' min jitlobhom u għalhekk, jekk ikun hemm xi kwestjoni li tolqot il-leġittimu kontradittur, din tkun tista' titqanqal fl-ambitu tal-proċedura li tkun trid tinbeda kif u jekk il-Mandat jitlaqa';

Tqis li l-intimati – għalkemm iqisu li m'humiex il-kontradditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tar-rikorrent – juru li huma midħla ta' dak li qiegħed isir jew li diġa' sar, u dan għaliex jiddikjaraw li x-xogħlijiet li minnhom jilminta r-rikorrent kienul ilhom li ntemmu qabel ma ntalab il-ħruġ tal-Mandat. Isostnu dan b'ċertifikat maħruġ mill-perit imqabbad biex jissorvelja x-xogħol[2];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda

---

[1] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[2] Dok f'paġ. 3 tal-atti
[3] Art. 873(1) tal-Kap 12
[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis, madankollu, li jekk kemm-il darba jintwera li l-ħaġa li r-rikorrent irid li jżomm li ma ssirx bil-ħruġ tal-Mandat tkun diġa' saret, ma jibqax lok biex it-talba tal-ħruġ tal-istess Mandat tintlaqa', ladarba l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[7];

Tqis ukoll li miċ-ċertifikat maħruġ mill-perit imqabbad mir-rikorrent innifsu[8], lanqas joħroġ b'mod ċar u univoku li dak li qiegħed jiġri fil-pixxina tar-rikorrent seħħ minħabba x-xogħlijiet li qegħdin isiru fil-post ta' biswit;

Tqis, fl-aħħarnett, li ladarba l-preġudizzju tar-rikorrent jikkonsisti fi pretensjoni ta' danni minħabba ħsarat imġarrba bi ħtija li huwa jattribwixxi lill-intimati, lanqas m'hu meħtieġ il-ħruġ tal-Mandat bħala rimedju indispensabbli għar-risarċiment u kumpens li huwa jista' jkun dovut;

---

[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[7] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***
[8] Dok "JB1", f'paġ. 7 tal-atti

Tqis li għalhekk ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub u dan għaliex ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tirrevoka** u tħassar id-degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2007, *contrario imperio* safejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrent; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 26 ta' Ġunju, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------